Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Isml

| | | |
|---|---|---|
| Seduta | 06/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2011 | |
| Data | 15/05/2014 fis-6.20pm | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| Attendenza | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Skużata |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Preżenti fis-7pm |
| | Raymond Caruana | Preżenti mis-7.05pm sat-8.10pm |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti |
| | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri
Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott

**06. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Hales | Il-Minuti 04/14 inqraw u ġew approvati nem.con bil-korrezzjonijiet li ġejjin:- | |
| | 04.9.5 | minflok 'Triq San Girgor' tidħol 'Triq id-Daħla ta' San Tumas' | | |
| | 04.9.20 | wara l-kelma 'taraġ' jiżdiedu l-kliem 'toħroġ mill-bieb ta' wara tal-knisja u' | | |
| 06. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**06. 1a Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1a 1 | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 05/14 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. | |
| 06. 1a 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**06. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 1 | 04.2.2 | Viċi-Sindku u Caruana: Sleeping Policeman | Il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Caruana reġgħu fakkru sabiex titwaħħal l-isleeping policeman fi Triq Lvant. | Sindku |
| 06. 2. 2 | 04.2.4 | Agius: Ħlas lill-kuntrattur Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-ħlas tal-kuntrattur Frankie Mifsud. Is-Sindku spjega li inkitbet ittra lil Mr Mc Carthy tal-Housing Authority iżda ma kienx hemm żviluppi. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lis-Sur Joseph Victor Muscat li huwa l-persuna nkarigata mill-Ministeru.** | Agius |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 3 | 04.2.5 | Agius: Servizz - Ġbir ta' Ħġieġ | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li m'aħniex kuntenti bis-servizz tal-ġbir tal-ħġieġ għalkemm sar kuntatt min-naħa tagħha mal-Greenpak. **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Onor. Ministru Leo Brincat dwar dan.** | Agius |
| 06. 2. 4 | 04.2.6 | Agius: Bieb tac-Child Care | Agius infurmat lill-Kunsill li l-bieb tac-Child Care ġie rranġat. | |
| 06. 2. 5 | 04.2.9 | Hales: Tneħħija ta' Bins on Wheels | Hales irraporta li aktar kmieni din il-ġimgħa ġiet mibgħuta ittra lir-residenti kollha f'Qasam Ġebel San Martin u Ħal Tmiem sabiex ifakkar dwar il-proċeduri rigward il-ġbir ta' l-iskart bieb bieb. Hales irrapporta ukoll li l-bins on wheels li fadal huma dawk f'Qasam Ta' Ganza u San Girgor u se jitneħħew fit-2 ta' Ġunju 2014. Ir-residenti ġew infurmati b'dan b'ittra personalizzata f'kull residenza. | Hales |
| 06. 2. 6 | 04.2.11 | Hales: Boundary Signs | Hales irraporta li b'mod immedjat l-HSBC se jkun qed iwaħħal erba' tabelli u se jitwaħħlu fejn huma nieqsa jew imkissra. Ġejna mwiegħda li l-kumplament ser jitwaħħlu sal-aħħar tas-sena. | Hales |
| 06. 2. 7 | 04.2.13 | Hales: Tabelli fi Triq id-Daħla ta' San Tumas | Hales ikkonferma li t-tabelli l-qodma (li jindikaw il-lokalitajiet) iċċaraw b'mod li m'għadhomx jinqraw, kif ukoll iddeterjoraw. Qal ukoll li oħrajn simili jinsabu f'inħawi oħra tal-lokal. Issuġġerixxa li dawn jinbidlu u se jara jinstabx xi sponsor. | Hales |
| 06. 2. 8 | 04.2.19 | Hales: Noticeboard ġdida | Hales irraporta li din saret u tpoġġiet f'postha. | Hales |
| 06. 2. 9 | 04.2.24 | Chircop: Tabella nieqsa fi Triq il-Kanonku de Domenico | Chircop irringrazzja lill-Kunsillier Hales peress li twaħħlet t-tabella li kienet nieqsa fi Triq il-Kanonku de Domenico. | |
| 06. 2. 10 | 04.2.25 | Chircop: Fuljett tal-Ġimgħa Mqaddsa | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li tqassmu l-fuljetti bit-tagħrif dwar il-wirjiet tal-Ġimgħa l-Kbira. | Chircop |
| 06. 2. 11 | 04.2.26 | Chircop: Ċerimonja Vittmi tal-Gwerra | Chircop irraporta lill-Kunsill li saret iċ-Ċerimonja tal-Vittmi tal-Gwerra. | Chircop |
| 06. 2. 12 | 04.2.27 | Hales: Parkeġġ fi Triq Anġlu Gatt | Hales qal li tkellem ma' diversi residenti tat-triq fejn ħadd ma qal li hemm xi ostaklu ta' parkeġġ. Il-Kunsillier Caruana talab sabiex minflok parking bays isiru double yellow lines fil-kantunieri. | Hales |
| 06. 2. 13 | 04.3.9 | Agius: Boroż ħodor | Agius infurmat lill-Kunsill li qed ikollha talbiet minn skejjel u għaqdiet sabiex jingħataw boroż ħodor. Is-Sindku talab li jsir rendikont ta' dawn it-talbiet sabiex issir talba formali lill-Greenpak. | Agius |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2. | 14 | 04.5.1 | Viċi-Sindku: Child Day Care Centre | Il-Viċi-Sindku rrimarkat li fil-laqgħa 04/14, is-Sindku kien informa lill-Kunsill li waħda mill-persuni li ser tkun fuq il-bord tal-Fondazzjoni hija l-Kap ta' Skola Primarja B u mhux il-Kap ta' Skola Primarja A. Is-Sindku insista li huwa kien qed jirreferi għall-Kap ta' l-Iskola Primarja A. Il-Viċi-Sindku qalet ukoll li l-kunsilliera ma ngħatawx spazju sabiex jagħtu l-ideat tagħhom u jipproponu nies għal fuq il-bord tal-fondazzjoni. Is-Sindku spjega li l-Fondazzjoni hija totalment u għal kollox u għal kull fini tal-liġi indipendenti mill-Kunsill, kull awtorita governattiva u kompletament awtonoma. | Sindku |
| 06. | 2. | 15 | 04.8.1 & 04.9.1 | Agius: Fuljett tal-Kunsill | Agius infurmat lill-Kunsill li bħalissa qed jitħejja l-fuljett tal-Kunsill bl-attivitajiet li ser isiru matul il-Sajf. Dan intbagħat għal printing sabiex b'hekk jitqassam sa l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla. Bħalissa qed nistennew il-flyer tat-TCTC sabiex b'hekk issir distribuzzjoni waħda. | Segretarjat |
| 06. | 2. | 16 | 04.8.1 | Camilleri: Korsijiet Istitut Paolo Frere | Il-Kunsillier Camilleri rraporta li bi ftehim mal-Istitut Paolo Frere ser isiru korsijiet bażiċi fil-Malti, l-Ingliż u l-Matematika. Ser issir applikazzjoni min-naħa ta' l-Istitut Paolo Frere mad-direttorat tal-lifelong learning sabiex il-korsijiet tal-computer awarness u l-ECDL ikunu jistgħu jiġu offruti b'xejn. | Camilleri |
| 06. | 2. | 17 | 04.9.4 | Chircop: Mera tat-traffiku fi Triq Bugħarbiel k/m Triq il-Qadi | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk it-talba għal mera tat-traffiku fi Triq Bugħarbiel k/m Triq il-Qadi ġietx approvata jew le. Is-Sindku spjega li jrid jara fejn hu l-aħjar post li ssir din il-mera. Is-Sindku spjega ukoll li ser isir kuntatt mas-Sur Farrugia tal-Lands Dept. dwar il-każ ta' Ċanċu Supreme u kif ukoll se jiġi avviċinat il-propjetarju ta' l-istess kumpanija. | Sindku Hales |
| 06. | 2. | 18 | 04.9.9 | Hales: Isem ta' Ġnien San Girgor | Hales informa lill-Kunsill li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq approva li Ġnien magħruf bħala San Girgor, jissemma Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Hales |
| 06. | 2. | 19 | 04.9.10 | Chircop: Arti fil-Beraħ | Chircop informa lill-Kunsill li l-attivita' Arti fil-Beraħ ser issir fl-1 ta' Ġunju bejn id-9am u nofsinhar fl-inħawi ta' Ħabel ix-Xgħir u s-Salvatur. Huwa talab sabiex dak inhar ma jsirx parkeġġ fil-Misraħ tas-Salvatur u Sqaq il-Vitorja. | Chircop |
| 06. | 2. | 20 | 04.9.12 | Sindku: Fanali f'Misraħ Diċembru XIII | **Il-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol min-naħa tan-Nexos sabiex jintradam il-cable tad-dawl tal-fanali f'Misraħ Diċembru XIII għalkemm mhux għaddej il-kurrent tad-dawl.** | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2. 21 | 04.9.14 | Agius: Seminar Internazzjonali | Agius irrapurtat lill-Kunsill is-seminar internazzjonali li sar fl-Univerista' l-antika dwar l-edukazzjoni popolari, li kien tajjeb ħafna. Il-grupp ta' promuturi u kittieba tad-djalett u folklor Żejtuni, l-għannejja u għalliema ta' l-artiġjanat issa ħa forma aktar formali u ser ikun reġistrat bħala NGO. Issa reġa' ġie mistieden jipparteċipa f'Bormla minn Ms Maria Brown filwaqt li għandu stedina oħra għal proġett fuq l-istess binarju minn Ms Joyce Cutajar. | Agius |
| 06. 2. 22 | 04.9.15 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat l-attivitajiet li saru fil-22 ta' April u fl-14 ta' Mejju. Dawn intlaqgħu tajjeb ħafna mill-parteċipanti. Agius infurmat lill-Kunsill li fil-21 ta' Mejju ser issir ħarġa sabiex naraw il-film Simshar. | Agius |
| 06. 2. 23 | 04.9.22 | Viċi-Sindku: Ħarġa għall-anzjani | Il-Viċi-Sindku rrapurtat il-ħarġa għall-anzjani li saret nhar il-15 ta' April, liema attivita kienet tajba ħafna. | Viċi-Sindku |
| 06. 2. 24 | 04.9.23 | Viċi-Sindku: Attivita' 28.05.14 | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-arranġamenti li qed isiru flimkien ma' Ms Ruth Mangion, f'isem HSBC, sabiex tittella attivita' għall-anzjani nhar it-28 ta' Mejju bejn it-3 u l-5pm ġewwa d-Dar ta' l-Anzjani. | Viċi-Sindku |
| 06. 2. 25 | 04.9.24 | Viċi-Sindku: Applikazzjoni għal reserved parking | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tagħmel kuntatt mar-residenta ta' 88 Triq San Klement peress li din tinsab l-isptar. | Viċi-Sindku |

**06. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 1 | 01 | MEPA: PA 1219/14 & 1301/14 | **Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Mepa sabiex l-iżviluppi msemmija jżommu l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 06. 3. 2 | 13 | WSC: Resurfacing ta' Triq Bir id-Deheb | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Triq Bir id-Deheb iddaħħlet fil-proġett ta' TM sabiex din issir mill-ġdid u x-xogħol jibda minn hemm u jibqa' nieżel għal Triq A. Cachia Zammit. Għaldaqstant ser jibda x-xogħol fuq il-house connections min-naħa tal-WSC. Il-Kunsill ser jagħmel tajjeb għall-ispiża ta' €2,718.36 parti mill-ispiża għas-servizz ta' l-ilma. Diġa' beda x-xogħol fi Trejqet is-Sagħtar. | Sindku |
| 06. 3. 3 | 15 | P.Lomax: Healing Service | **Il-Kunsill qabel li jagħti permess ta' darba lill-għaqda 'Tiġi Saltnatek' sabiex torganizza healing service nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju fil-Pjazza tas-Suq fil-għaxija sal-10pm.** Is-soundcheck ser isir fis-26 ta' Ġunju fl-4pm. F'każ li jintrama palk ikun irid isir ħlas. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06. 3. 4 | 18 | A. Barberi: Siġra mejta ħdejn il-Knisja ta' San Girgor | Hales informa lill-Kunsill li ser issir applikazzjoni sabiex titneħħa, kif ukoll sabiex, jinżabru s-siġar ta' Misraħ il-Bjar. | Hales |
| 06. 3. 5 | 21 | J. Bonavia: Eco-warden roster | Il-Kunsill innota li l-lokalita taż-Żejtun bejn April u Ġunju ingħatat eco warden bejn it-3 u s-6 ta' Ġunju u bejn 10 u t-13 ta' Ġunju biss f'ħinijiet xejn tajba biex isir kontroll serju fuq ir-rimi ta' l-iskart. | Sindku |
| 06. 3. 6 | 23 | S. Caruana: One way fi Triq San Duminku | **Il-Kunsill qabel li jagħmel spezzjoni f'din it-triq.** | Sindku Hales |
| 06. 3. 7 | 24 | AKL: Seminar 'L-Effiċjenza tal-Enerġija fil-Bini' | Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera nteressati sabiex jattendu għal seminar li ser isir nhar it-28 ta' Mejju dwar l-effiċjenza tal-enerġija tal-bini. | |

**06. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 05/14 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 06. 4. 2 i | 47 | **Il-Kunsill qabel li għandu jitlob talba għal kwotazzjonijiet għal road markings.** | | |
| 06. 4. 2 ii | 81 | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex il-Kunsill jingħata rapport tal-knis mill-kuntrattur Mario Borg. Hales irrimarka li dan jista' jingħabar mill-front desk.<br>**Il-Kunsill qabel li għandu jikseb informazzjoni jekk jistax jingħata kennies mill-iskema ta' l-ETC taħt l-iskema tal-komunita'.** | | |
| 06. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 05/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 06. 4. 4 | | Petty Cash - April 2014 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €221.53.** | Segretarjat |

**06. 5. Rapport Finanzjarju Jannar-Marzu 2014**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 5. 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Jirraporta | Is-Segretarjat ippreżenta u qassam lill-kunsilliera preżenti r-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena finanzjarja 2014 li jkopri Jannar-Marzu. Is-Segretarju spjega fid-dettal id-dħul u l-infiq tal-Kunsill tul dan il-kwart. Huwa spjega li dan il-kwart għalaq b'surplus ta' €15,000. | |
| 06. 5. 2 | | | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport finanzjarju wara li l-Kunsill approva dan ir-rapport. | |

06. 6. **Ċentru Ħarsien għat-Tfal**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 6. 1 | | | Bħalissa qed isiru xogħlijiet wara l-pitch fl-open area tac-Child Day Care Centre, liema area ser tkun esklussivament għat-tfal li jattendu ċ-Ċentru. Għal dan, il-Kunsill ingħata flus mill-Urban Improvement Fund tal-MEPA. | |

06. 7. **Bankini residenzjali**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li applika għal proġett ta' aċċessibilta' sabiex isiru l-bankini ġodda u aċċessibli fi Triq Melchiorre Gafa' u Triq Lorenzo Gafa'. Jekk il-proġett ma jiġix approvat ix-xogħol ta' bankini fuq dawn it-toroq ser isir xorta waħda peress li dan ix-xogħol kien diġa' ġie approvat mill-Kunsill. Ix-xogħol ser isir minn Philip Agius & Sons skond it-tender li ngħatat aktar kmieni. | Sindku |

06. 8. **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | | |

06. 9. **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 9. 1 | | Sindku: Laqgħa l-Onor Stefan Buontempo | Is-Sindku ħeġġeg lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal-laqgħa li ser issir ma' l-Onor Stefan Buontempo nhar il-5 ta' Ġunju fid-9am. | |
| 06. 9. 2 | | Sindku: Xogħlijiet fi Triq Strejnu | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed isiru xogħlijiet fi Triq Strejnu. Il-Kunsillier Camilleri qal li l-cable tat-telefon għaddewh illum filwaqt li ser isir kuntatt ma' Melita plc. | Sindku |
| 06. 9. 3 | | Hales: Bus Shelters | Hales informa lill-Kunsill li f'Ottubru 2013 il-Kunsill kien talab lil TM sabiex issir tinda ħdejn il- bus stop ta' ħdejn l-HSBC kif ukoll bil-possibilta' li jinbidlu il-11 -il bus shelter l-oħra li jinsabu madwar il-lokal. Hales kompla jgħid li riċentement uffiċjali ta' TM flimkien miegħu bdew jagħmlu spezzjoni ta' l-istess bus shelters.<br>l-Viċi-Sindku ssuġġeriet li jsiru folding seats f'bus stops li m'għandhomx seat iġifieri dawk ta' Triq President A. Buttiġieġ, Triq l-Isqof Emm Galea, Triq il-Qadi ħdejn il-Wild Cherry u Vjal 25 ta' Novembru. Ser issir spezzjoni mis-Sindku u l-Kunsillier Hales. | Sindku<br>Hales |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 9. 4 | Hales: Diversion Trasport Pubbliku | **Il-Kunsill qabel li ssir diversion tar-rotta 84 bejn is-7 u s-16 ta' Ġunju minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-lokal.** Saret talba lil TM sabiex iżżid bus stop fi Triq Delimara u tnejn oħra fi Triq il-Labour fil-viċinanza ta' Alex Mercieca. | Hales |
| 06. 9. 5 | Chircop: Kunċert tal-Milied | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-Kunċert annwali tal-Milied ser isir nhar it-30 ta' Diċembru. | Chircop |
| 06. 9. 6 | Chircop: Nuqqas ta' ġbir ta' skart | Chircop irraporta nuqqas ta' ġbir ta' skart minn Misraħ Bandolier li saħansitra qed jinġabar darba fi 3 t'ijiem. **Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra ta' nuqqas lill-kuntrattur.** | Hales |
| 06. 9. 7 | Chircop: Dog Litter Bin | Chircop talab sabiex isir dog litter bin fl-inħawi ta' Triq il-Kamumilla. Is-Sindku talab sabiex naraw fejn hemm il-bżonn li jitwaħħlu dog litter bins. | Hales |
| 06. 9. 8 | Chircop: Trasport Pubbliku | **Il-Kunsill qabel li jagħmel talba lil TM sabiex jiġi ntrodott is-servizz ta' trasport pubbliku għal higher seconday Naxxar, mil-lokal.** Dan ix-xorta ta' servizz jista' jiġi amalgamat mal-lokalitajiet oħra. | Segretarjat |
| 06. 9. 9 | Chircop: Tabella fi Triq l-Isqof Zahra | Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li tabella tan-*no left turn* li kienet fil-kantuniera t'isfel ta' Triq l-Isqof Antonio Zahra kif ukoll oħra li kienet fil-kantuniera ta' fuq ta' Triq Salvu Cacciattolo, ġew imneħħija. Hales irrimarka li dawn kienu twaħħlu minn TM bħala parti mit-traffic management konnessa mal-pelican lights fil-viċinanza. Żied jgħid li dawn ma ġewx maqlugħa mill-Kunsill u kien ser jiġbed l-attenzjoni dwar dan lil TM kif ukoll tal-Pulizija. | Hales |
| 06. 9. 10 | Chircop: Fanali antiki | Chircop irraporta fanali f'toroq antiki li għandhom il-ħgieġa mkissra f'Misraħ Bandolier u Santa Marija. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jinqalgħu fanali minn Misraħ Strejnu u ser isirilhom xogħol ta' manutenzjoni biex jibda programm ta' tiġdid fuq il-fanali antiki. | Sindku |
| 06. 9. 11 | Chircop: Fanali fi Triq Santa Katarina | Chircop talab sabiex 3 fanali fi Triq Santa Katarina isiru minn dawk l-antiki sabiex jikkumplimentaw il-village core. Is-Sindku qal li ser jara x'jista' jsir. | Sindku |
| 06. 9. 12 | Chircop: Grupp Letterarju | Chircop informa lill-Kunsill li l-Grupp Letterarju ser jiddedika serata għad-djalett Żejtuni nhar id-9 ta' Ġunju. | Chircop |
| 06. 9. 13 | Chircop: Attivita' | Chircop fakkar lill-Kunsill li fis-6 ta' Lulju ser issir attivita ta' l-Aħħar Ħbit. | Chircop |
| 06. 9. 14 | Christabel Carabott: Laqgħat taż-Żgħażagħ | L-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ Christabel Carabott infurmat lill-Kunsill li l-laqgħat taż-żgħażagħ qed isiru kull ħmistax. Il-laqgħa li jmiss ser issir fit-23 ta' Mejju. Il-youth worker Diane Mallia qed tattendi waqt dawn il-laqgħat. | Carabott |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 06. 9. 15 | Camilleri: Patching | Il-Kunsillier Camilleri ġibed l-attenzjoni dwar żewġ ħofriet fi Triq Ħal Tarxien eżattament fil-kisra. Hales irraporta bżonn ta' patching fi Triq Anġlu Gatt. | Sindku |
| 06. 9. 16 | Camilleri: Korsijiet TCTC | Camilleri informa lill-Kunsill li nhar is-17 ta' Mejju ser isir il-launching tal-korsijiet tat-TCTC fejn is-Sindku u l-kunsillier Camilleri ġew mistiedna jattendu. Is-Sindku spjega li ma jistax jattendi minħabba impenji oħra. | Camilleri |
| 06. 9. 17 | Agius: Tqassim ta' boroż ħodor | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li dalwaqt ser jerġa' jsir it-tqassim tal-boroż ħodor f'kull residenza. | Agius |
| 06. 9. 18 | Agius: Permessi tal-Festa | Agius talbet sabiex nitolbu laqgħa mal-pulizija dwar il-permessi tal-festa. | Agius |
| 06. 9. 19 | Agius: Mera imdawwra | Agius irrapurtat mera mdawwra u perikoluża fi Triq id-Daħla ta' San Tumas faċċata ta' Triq Ġiebja Rumana. | Hales |
| 06. 9. 20 | Viċi-Sindku: Attivita għal Jum l-Omm | Il-Viċi-Sindku rrapurtat l-attivita' li saret għall-anzjani nhar l-14 ta' Mejju ġewwa d-Dar ta' l-Anzjani fejn tfal mill-iskola primarja ta' Marsaskala allegraw lill-anzjani. | Viċi-Sindku |
| 06. 9. 21 | Viċi-Sindku: KIDs | Il-Viċi-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill ilment ta' ġenituri li uliedhom jattendu l-iskola primarja minħabba l-imġieba ta' ċerti tfal. Is-Sindku talab li jiltaqa ma' dawn il-ġenituri. | |
| 06. 9. 22 | Viċi-Sindku: Sprall sfrundat | Il-Viċi-Sindku rrapurtat sprall sfrundat f'Misraħ il-Bjar. | Sindku |
| 06. 9. 23 | Viċi-Sindku: Zebra Crossing fi Triq l-Isqof E. Galea | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex nerġgħu nressqu talba quddiem TM sabiex issir zebra crossing fi Triq l-Isqof E. Galea peress li l-kummerċ f'din iż-żona kiber. Il-Kunsillier Camilleri qal li l-istess problema teżisti fi Triq il-Qadi ħdejn St. Catherine's Pharmacy. | Sindku |
| 06. 9. 24 | Viċi-Sindku: Entratura Blk A Ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex titranġa l-entratura ta' Blk A Qasam Ta' Ganza. Is-Sindku spjega li dwar dan kien hemm proġetti tal-Awtorita' tad-Djar għal housing estates biex jiġu rranġati l-oqsma minn barra iżda dan il-programm jinsab sospiż. | |
| 06. 9. 25 | Fenech: Live-in f'M'Xlokk | Fenech irrapurtat lill-Kunsill li ser isir live-in għaż-żgħażagħ bejn it-30 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju ġewwa l-youth hostel f'M'Xlokk. | Fenech |
| 06. 9. 26 | Fenech: Aerobic Sessions | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser isiru sessjonijiet ta' l-aerobics fil-għodu. Ser isir tentattiv sabiex dawn is-sessjonijiet isiru fuq barra. Fenech irrapurtat katusa maqlugħa fuq il-bankina ta' faċċata. | Fenech |
| 06. 9. 27 | Fenech: Futbol Complimentary Tickets | Fenech irrapurtat lill-Kunsill li għal-logħba tal-Uefa ta' l-under 17 bejn Malta u l-Ingilterra tqassmu complimentary tickets. **Il-Kunsill qabel li jifraħ lil Neil Tabone, player Żejtuni li spiċċa fit-team nazzjonali ta' l-U17.** | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 9. | 28 | Fenech: Air Monitoring Unit | Fenech infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn persuna li tieħu ħsieb l-air monitoring unit fi Ġnien San Girgor fejn din talbet sabiex isir xogħol ta' tindif meta jitlestew ix-xogħlijiet fuq ic-Child play area. Dan peress li l-filters tħammġu ħafna u ġiet affettwata wkoll l-informazzjoni. Is-Sindku kkonferma li ser isir xogħol ta' tindif hekk kif jitlestew ix-xogħlijiet. | Sindku |
| 06. | 9. | 29 | Agius: Awguri | **Il-Kunsill qabel li għandu jifraħ lil Ms Joanne Galea li rebħet Miss World Malta.** | Segretarjat |
| 06. | 9. | 30 | Fenech: Applikazzjoni EU | Fenech infurmat lill-Kunsill li saret applikazzjoni għal żewġ proġetti ta' l-EU, wieħed ta' l-astronomija u don't disable me. | Fenech |
| 06. | 9. | 31 | Segretarju Eżekuttiv: Tiġdid ta' Leave | **Il-Kunsill qabel li jġedded il-leave tas-sena 2013 tas-Segretarju Eżekuttiv għal din is-sena.** | Segretarjat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Sindku

Segretarju Eżekuttiv